MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 748/2010

**Joseph Muscat (K.I. 288670M)**
**Vs**
**Auto Sales Limited (C-491)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur jitlob li dan it-Tribunal jogghbu: (1) jiddikjara illi l-hsara li saret fuq il-*bumper* tal-vettura tal-marka Mercedes SL550, bin-numru ta' registrazzjoni MSL-550, waqt li din kienet fil-*garage* tas-socjeta' intimata wara li sar *recall* ta' *parts* li kienu ghadhom taht garanzija (Dok A) giet ikkawzata unikament mis-socjeta' intimata minhabba tort, imprudenza, negligenza u/jew traskuragni taghha; (2) jillikwida somma dovuta lill-attur bhala danni, liema somma ma teccedix l-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06); (3) jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas dan l-ammont lill-attur.

Minkejja li giet interpellata tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti (Dok B);

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ppremettiet li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi mhux minnu illi s-socjeta' konvenuta kienet b'xi mod negligenti jew b'xi mod ikkagunat xi hsara fil-*bumper* tal-vettura tal-attur;

Minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-ammont mitlub hu esagerat billi biex isir riparazzjoni tal-istess *bumper* d-danni ma jammontawx ghall- tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) izda hafna nqas;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Muscat, l-attur;
Sema' x-xhieda ta' John Micallef, Gaetano Vella u Lucas Micallef;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturipprezentata nhar l-1 ta' Settembru, 2011 u n-nota responsiva tas-socjeta' konvenuta pprezentata nhar is-26 ta' Settembru, 2011.
Ra l-verbal tal-14 ta' Novembru, 2011 li bih thalliet ghas-sentenza;
Ra d-digriet tieghu tal-20 ta' Jannar, 2012 fejn ordna li jitressqu provi dwar id-danni allegatement sofferti;
Ra l-atti kollha tal-kawza;
Sema' x-xhieda ta' David Vassallo li pprezenta prospett bl-ispejjes;
Ra l-ahhar verbal li bih thalliet illum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Din hija talba ghad-danni ikkawzati lill-vettura tal-attur waqt li kienet fil-pusses tas-socejta' attrici.

Mill-atti jirrizulta :

Illi l-attur kien baghat il-karrozza tieghu mal-mechanic tieghu John Micallef ghand is-socjeta’ konvenuta biex jsriu riparazzjonijiet f’bozza tal-istess vettura.

Il-karozza kienet ghadha taht garanzija ghaliex kienet inxtrat biss circa tlett (3) xhur qabel.

Il-mekkanik, John Micallef, ha l-karozza ghand Auto Sales Limited u flimkien ma’ Gaetano Vella kienu daru mal-karrozza biex jispezzjonawha.

Illi skont il-process li ssegwi l-kumpanija konvenuta, l-ispezzjoni ssir meta tiddahal karozza biex fuqha jsir ix-xoghol. Ghalhekk, iduru mal-vettura biex jaraw jekk kienx hemm xi grif jew daqqiet minn qabel. Dan jigi mbaghad rekordjat fuq *inspection sheet* li jigi ffirmat mill-klijent f’dan il-kaz il-mekkanik,  John Micallef. Hekk fil-fatt sar mill-mekkanik, John Micallef, li qatt m’inghata kopja taghha.

Wara ftit zmien il-mekkanik gie kkuntatjat minn Gaetano Vella li staqsieh jekk kienx jaf li l-*bumper* kien maqsum. Micallef iddikjara illi hu kien irreferih ghall-karta “li kont iffirmajt li juri illi il-*bumper* ma kienx maqsum”.

L-*inspection form* ma gietx pprezentata la mill-attur u lanqas mis-socjeta’ konvenuta. Is-socjeta konveuta pero m’ikkontestatx il-fatt li kienet saret wahda.

Fil-fatt dan gie konfermat minn Gaetano Vella. Wara li sar il-process fuq imsemmi, Gaetano Vella ddikjara li huma kienu pparkjaw il-karrozza “*facing out lejn il-main road”.* Kien circa erba’ sieghat wara li meta dahlu l-karozza fil-*workshop* kienu ndunaw wara li tellaw il-karozza fuq il-*car lift* u raw li kellha *hairline crack*.  Lucas Micallef, il-mekkanik, li hadem fuq il-karozza qal li kien induna bil-*hairline crack*  meta tella’ l-karrozza fuq il-*car lift.*

Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza illi l-oneru tal-prova huwa ta’ min qed jallega pero’ huwa principju pacifiku ukoll illi l-grad ta’ prova ta’ min qed jallega f’kawza civili hija hafna nqas oneruza minn kawza kriminali,

*"... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."* (Giordamaina Medici Frank et vs William Rizzo et, deciza fit-28 t'April, 2004 mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri)

Illi fit-talba odjerna ma ngiebet ebda evidenza biex turi ezatt u b'mod konklusiv fejn saret il-hsara. Hemm allegazzjoni da parti tal-attur illi din saret meta kienet fil-pusses tas-socejta' konveuta u min-naha l-ohra allegazzjoni da parti tas-socjeta' konveuta li d-danni saru qabel ma ddahlet ghandha.

Illi min-naha tieghu l-attur ghamel referenza ghal-*inspection card*. Huwa prassi, u ma kienx kontestat, li sar *inspection card*. Illi din hija prassi biex tiskaguna (f'dan il-kaz) s-socjeta konvenuta jekk tinqala' kwistjoni dwar girfa jew daqqa fuq il-vettura. Illi pero' f'dan il-kaz ghal xi raguni jew ohra din l- *inspection card* ma gietx provduta mis-socjeta' konvenuta u hareg car mix-xhieda li huma ndunaw bil-hsara biss meta tellaw il-vettura fuq il-*car lift*.

Barra mir-riferenza ghal-*inspection card* it-Tribunal ghandu dikjarazzjoni minghand il-mekkanik, li kellu l-pusses tal-vettura sakemm marret ghat-tiswija ghand Autos Sales Limited, li ma kienx hemm girfa.

Illi min-naha l-ohra s-socjeta' konvenuta offriet biss tezi illi l-girfa ma setghatx tidher mill-ewwel ghaliex il-karozza kienet baxxa u pparkjata mal-bankina. Mir-ritratti ezebiti, ghalkemm fil-baxx, il-girfa tidher pjuttost cara u ovvja.

It-Tribunal jirileva illi l-fatt illi kienet saret *inspection* tal-karozza u l-partijiet ma rawx il-girfa in kwistjoni u bil-gurament il-mekkanik kien ikkonferma li l-vettura kienet minghajr grif huwa bizejjed biex johloq certezza morali f'mohh il-gudikatur biex jkun jista' jiddikjara li l-girfa saret meta l-karrozza kienet fil-pusses tas-socejta' intimata.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-grad probatorju t'evidenza rikjest mill-ligi kien sodisfatt ghal dak li jirrigwardja htija kolpuza da parti tas-socjeta' konvenuta.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, t-Tribunal jaghmel riferenza ghad-dokument "DOK DVI" pprezentat minn David Vassallo li juri li t-twissja li ghandha ssir hija fl-ammont ta' mitejn tlieta u sittin ewro u disghin centezmu (€263.90).  It-Tribunal ihoss illi ghandu jaccetta din l-istima.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi  s-somma ta' mitejn tlieta u sittin ewro u disghin centezmu (€263.90), bl-imghax skont il-ligi mill-lum sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha ta' din il-kawza jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------